**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 221/21**

**Marisa Pace(K.I 530660 M)**
**Mario Pace (K.I. 780355 M)**
**Mary Anne Pace(K.I.489457M)**
**Guido Pace (K.I 146357 M)**
**Marisa Pace (K.I 191859 M)**
**Jane Debono(K.I 820553 M)**

**vs**

**Mary Rose Vidal (K.I.480965 M)**
**Awtorità tad-Djar**

**Illum, l-04 ta' Lulju 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond Flat 1, Pace's Court, Triq il-Kubrit, Gzira li r-rikorrenti akkwistaw b'kuntratt tas-7 ta'

Jannar 2021 fl-atti tan-Nutar Dottor Joelle Cortis li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument A".

2. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimata Mary Rose Vidal ghal dawn l-ahhar tmenin sena bil-kera miżera ta' €175.00c fis-sena, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti, u llum bil-kera ta' €350.00c fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond l-oghli tal-hajja.

3. Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimata qed thallas a tenur tal-ligi jammonta ghal €350.00c fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi' ftit bl-Att X tal-2009.

4. Illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, ossia l-Att Dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, sid il-kera huwa intitolat jippreżenta rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li l-kera jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

5. Illi ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proċeduri l-Bord għandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-kerrej, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodici Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom. It-test tal-mezzi għandu jkun ibbażat

fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena li tipprecedi s-sena li fiha jkunu nbdew il-proċeduri u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-imsemmija sena. It-test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi.

6. Illi fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijieti mressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta' abitazzjoni tiġi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu għandu jigi determinat mill-Bord skont il-każ.

GHALDAQSTANT, tghid l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghalhiex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux-

i. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Mary Rose Vidal (K.I. 480965 M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiä Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien ghal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u -31 ta' Diċembru tas-sena 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa

8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) Ii għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-kaz.

ii. Jiddikjara u Jiddeciedi illi al terminl tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond Flat 1, Pace's Court,Triq il-Kubrit,Gzira ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.

iii. Jordna u jikkundanna lill-intimata Mary Rose Vidal (K.I. 480965 M) tibda jhallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern.

iv. Jordna, f'kaz illi l-intimata Mary Rose Vidal (K.I. 480965 M) ma tissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament taghha mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Gunju 2021.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.[1]

Ra illi l-Awtorita tad-djar bhala inervenuta fil-kawza preżentat risposta fejn esponiet hekk:

Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond.

[1] A folio 1-3 tal-process

Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.

Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita'` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

Illi jigi rilevat li f kaz li l-inkwilin tissoddisfa it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.

Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita' tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika.

Illi jigi rilevat li l-inkwilin tkun tista' tibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema - fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin trid tkun qed tabita fil-fond bhala residenza ordinarja taghha.

Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.[2]

Ra illi  l-intimata preżentat risposta fejn eccepiet hekk:

[2] A folio 11 tal-process

1. Illi in linea preliminari u bla preġudizzju, għalkemm huwa minnu l-intimata ilha tokkupa l-fond Flat 1, Pace's Court, Triq il-Kubrit Gżira, bhala r-residenza ordinarja tagħha u dan abbażi ta' kirja li bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995, dan il-fond m'ilux mikri lill-intimata Mary Rose Vidal għal tmenin sena kif ritenut fir-rikors promotur, iżda għal circa erbgħa u tletin sena;

2. Illi in linea preliminari ukoll, l-ammont tal-kera li jitħallas mill-intimata huwa ogħla minn dak ta' €350 fis-sena kif ritenut fir-rikors promotur, infatti l-intimata tħallas is somma €424 fis-sena bħala kera, kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat“Dok A”.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-kera mħallsa hija waħda ġusta;

4. Illi fil-mertu wkoll u bla preġudizzju għas-suespost,jingħad li żgur u mhux forsi, l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodi relevanti u dan peress illi kwalunkwe dħul huwa ferm anqas minn dak maħsub f'dan l-istess test u għalhekk ir-raba' talba tal-atturi għandha tigi michuda;

5. Illi la darba d-dħul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas minn dak li maħsub fil-Liġi, m'ghandux jkun hemm l-ebda awment u dan senjatament tenendo conto tad-dħul u l-kapital limitat tal-esponenti;

6. Illi blapregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jghaddi sabiex jistabblixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-benefikati estensivi li saru mill-intimata fil-fond u dan ukoll sabiex ma jinħoloqx piż sproporzjonat ghall-esponenti;

7. Illi bla preġudizzju ghas-susepost, kemm il-darba dan l-Bord jistabilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, dan il-Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera m'għandhiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda ghandha tqarrab aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment - hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna u li tali kera awmentata ghandha tibda tithallas b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħdha topponi għal kull talba ta' ħlas ta' spejjeż fir-rigward ta' din il-kawża;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jingħataw waqt il-prosegwiment tal-kawża.[3]

Ra d-dokument anness mal-istess rikors promutur.[4]

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 gie ipprezentat u mahluf it-test tal-mezzi tal-intimata. Il-Bord fl-istess jum hatar lil Periti Danica Mifsud u Kylie Ann Borg sabiex jivvalutaw il-fond mertu tal-kawza.[5]

---

[3] A folio 15 tal-process
[4] A folio 4-8 tal-process
[5] Fol. 22 tal-process.

Ra r-relazzjoni tal-periti teknici a fol. 47 sa 51 tal-process fejn il-fond de quo gie ikkalsifikat bhala appartament li ma ghandux l-arja tieghu u jinsab fil-pjan terran. Ma jidhirx li kien hemm xi tibdil strutturali magguri. L-appartament jidher li jinsab fi stat tajjeb. Il-periti teknici stabilew li l-valur prezenti tal-propjeta' fuq bazi liberu u frank hu ta' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (Ewro 125,000).

Ra t-test tal-mezzi ppprezentat mill-intimata fejn hija ghandha dhul ta' ftit aktar minn Ewro 8,600 fis-sena. Dan id-dhul gej biss mis-sigurta' socjali u li gie stabilit li l-likwidita' tal-intimata hija baxxa hafna kif fil-fatt jixhdu id-dokumenti bankarji minnha ezebiti. Hija ma ghandiex mezzi ohra ta' investimenti jew propjetajiet.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha.

Sema' x-xhieda.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor.**

Ir-rikorrenti huwma propjetarji tal-fond Flat 1 Pace's Court Triq il-Kubrit Gzira li gie akkwistat minnhom fis-7 ta' Jananr 2021 fl-atti tan-Nutar Charlene Mizzi. Il-kirja li l-intimata thallas fuq dan il-fond hija ta' Ewro 175.00c fis-sen, wara li kein gie lokat

mill-antekawza tar-rikorrenti u l-kera attwali hija ta‘ Ewro 350.00c fis-sena. Ir-rikorrenti permezz ta’ din il-kawza qed jitolbu li jsir it-test tal-mezzi fuq l-intimati, awment ta’ kera sal - massimu ta’ 2 % hekk kif huwa permess mill-ligi u fil-kaz li l-inkwilini ma jikkwalifikax ghall-ghajnuna skond kif stipulata mill-ligi jivvakaw mill-fond f’ perjodu li jistabilixxi il-Bord. Il-Periti teknici stabilew li l-fond jiswa Ewro 125,000.

**Provi.**

Il-provi jikkonsistu fir-rikors tar-rikorrenti li annettew mieghu l-akkwist tal-propjeta‘ imsemmija fis- 7 ta’ Jannar 2021. Dawn il-fatti ma jidhrux li huma ikkontestati mill-intimata.

Minn naha taghha l-Awtorita’ tad-Djar ma gabet l-ebda provi hlief kif diga‘ inghad aktar ‘l fuq u wiegbet ghar-rikors promutur.

L-istess jista’ jinghad ghall-intimata. Inoltre’ hija ipproduciet it-test tal-mezzi kif kien ordnalha dan il-Bord.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel zewg kriterji li jridu jissodisfaw il-Bord biex jghaddi ghat-tieni analizi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu huma tnejn:

1. Li r-rikorrenti jridu jipprovaw li il-fond in kwistjoni huwa taghhom; u
2. Li l-intimata tirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

Mill-fatt u il-provi li ghandu quddiemu il-Bord jemmen li dawn gew ppruvati mir-rikorrenti u li ma hemm l-ebda cahda sa l-anqas fil-livell tal-probabli mill-intimata.

L-istess jinghad ghall-inkwilini. Hija taccetta li qed tirrisjedi fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u li qed thallas l-kera kif qed jallegaw ir-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi mid-dokumenti prezentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirrizulta illi d-dhul ta' ta' Ewro 8,639.18[6] ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma jaqbizx dak stipulat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Ghar-rigward tal-kapital tal-intimati ahwa Cutajar, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirrizulta li lanqas dan ma jaqbez dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi mill atti ma jirrizultax li tressqu l-ebda provi rigward applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b' hekk, dan il-Bord ma jara ebda raguni ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena citati.

Ghaldaqstant, Il-Bord jinsab sodisfatt li l-intimata li tabita fil-fond ma teccedix il-kriterji stabiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement tissodisfa il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-

[6] Dhul mis-Sigurta' Socjali tal-intimata ghas-sena 2020

test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. B' hekk mhux il-kaz li ghandu japplika l-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap hawn citat.

**Ikkunsidra:**

Illi il-valur fis-suq liberu u frank tal-propjeta', ossija appartament numru 1 , Pace' s Court Triq il-Kubrit Gzira stabbilit mill-membri teknici tal-Bord f' Ewro 125,000 hu fi stat tajjeb u abitabbli.

Illi meta wiehed jigi biex jiffissa l-awment tal-kera il-Bord irid ihares kemm l-interess tas-sid kif ukoll dak tal-kerrej u jrid jara li jinholoq bilanc gust u ekwu ghall-partijiet. F' dan is-sena ikun tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejn il-principji delineati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb** deciza fit-3 ta' Far 20021 mill-Onorevoli Imhallef Mintoff (App. Nru. 126/2018/LM).

'*il-Qorti tikkonkludi li d-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi fil-ligi kienu mahsuba biex jindirizzaw u joholqu bilanc bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqghu jircievu hlas ta' kera irrizorja ghall-propjeta' taghhom wara li ilhom imcahhdin minnha snin, u il-jeddijiet tal-inkwlini li jibqghu jghixu fid-dar li ilhom snin jaghrfu bhala ir-residenza ordinarja taghhom.'*[7]

Il-Bord iqis li s-sidien waqt il-proceduri ma wrewx jew ippruvaw li l-kirja minnhom misthoqqa qed taghmlilhom

[7] Is-sentenza kienet qed tanalizza l-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 u allura l-emendi introdotti wara, ossija tramite l-Att XXIV tal-2021, jimxu id f' id u fuq l-istess principji.

differenza sostanzjali ghall-ghixien taghhom ta’ kuljum. Dan ma jidhirx li huwa l-kaz mill-atti processwali li ghandu l-Bord quddiemu.

Il-Bord iqis ukoll illi l-inkwilina ghandha likwidita’ finanzjarja baxxa hafna kif ukoll introjtu ta’ ftit aktar minn Ewro 600 fix-xahar[8]. L-introjtu ghas-sena 2020 kien ta‘ ftit aktar min Ewro 8,600. Dawn il-fatti bl-ebda mod ma gew attakkati mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-Bord ihoss li ghandu jgholli l-kera gradwalment b‘effett mill-14 ta‘ Marzu 2023 b’1.8 % fl-ammont ta‘ Ewro 2,250 fis-sena u li mill-14 ta‘ Marzu 2024 terga’ toghla ghal 2% fl-ammont ta‘ Ewro 2,500 fis-sena.

**Decide:**

Ghakdaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1.Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba; u

2. Jiddeciedi li jgholli il-kera gradwalment b‘effett mill-14 ta’ Marzu 2023 ta‘ din is-sentenza ghal 1.8 % u cioe fl-ammont ta’ Ewro 2,250 fis-sena u mill-14 ta‘ Marzu 2024 ghal 2% fl-ammont ta’ Ewro 2,500; u

3. Jordna lill-intimata tibda thallas lir-rikorrent il-kera kif hawn fuq deciz; u

---

[8] Kont bankarju tal-BOV plc bin—numru 107xxxxx011.

4. Jichad ir-raba talba billi kif gie muri ampjament l-intimata taqa' fil-parametri tat-Test tal-Mezzi.

Kull parti tbaghti l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

**Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**Magistrat**

**Victor Deguara**
**Deputat Registratur.**